# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## IMHALLEF:

## ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 1 ta' Novembru, 2001**

**Numru 10**

**Cit. Nru. 615/01(F1) GCD**

**Carmelo Abela Marketing Limited**

**Vs**

**M.A. Supermarkets Limited**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni ta' l-attrici li bih, wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta` konvenuta hija debitrici tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' Lm8,811.22 (tmint elef, tmien mija u hdax-il lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu) rapprezentanti somma bilancjali dovuta ghall-merkanzija konsistenti f'affarijiet tal-ikel mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta;

Illi s-socjeta` konvenuta ghad li giet interpellata sabiex thallas dan l-ammont baqghet inadempjenti, anzi hallset parti mill-ammont indikat permezz ta’ cekkijiet li meta prezentati l-bank ma gewx onorati; u

Illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut, u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-Ligi a tenur ta’ l-artikolu 167-170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Talbet illi din il-Qorti:

1. tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti, b’dispensa ghas-smigh tal-kawza ai termini ta’ l-artikoli 167-170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta; u

2. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ Lm8,811.22 (tmint elef, tmien mija u hdax-il lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu);

Flimkien ma’ l-ispejjez komprizi dawk tac-citazzjoni, tal-mandat ta’ qbid numru 1080/01FF prezentat kontestwalment u bl-imghax.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta’ l-attrici;

Rat in-nota tal-konvenuta li biha ammettiet it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuta, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuta, tiddeciedi billi tilqa’ t-talba ta’ l-attrici kif dedotta fic-citazzjoni, bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm